# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni Nru 2732

**Spjegazzjoni dettaljata dwar il-quantum kif ordnat mill-Qorti tal-Appell**

Każ Numru 3715/JG

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

Doreen Saliba (K.I: 695958M)

u

Foster Clark Products Ltd (C803)

*Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

Illum: 09 ta' Frar, 2022

**<u>Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT</u>**

## <u>Introduzzjoni</u>

Il-każ kien riferut lura lit-Tribunal Industrijali permezz ta' deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) preseduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff - seduta tat- 2 ta' Frar, 2022 referenza Appell Inferjuri numru 53/2021LM.

Permezz ta' din id-deċiżjoni l-Onorabbli Qorti laqgħat it-tielet aggravju tal-appellanta soċjetà u ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jimmotiva b'mod dettaljat id-deċiżjoni tiegħu dwar il-quantum tal-kumpens kif likwidat.

It-Tribunal ħa konjizzjoni ta' din l-ordni u jispjega s-segwenti dettalji;

1. it-Tribunal ikkonsidra l-età prekarja tar-rikorrenti tas-Sa Saliba li kienet waslet biex tagħlaq 60 sena,
2. ikkonsidra li l-probabilità li prinċipal jimpjega *Housekeeping Leading Hand* ta' 60 sena meta jista' jimpjega lil xi ħadd ta' età iżgħar, kienet remota,
3. ikkonsidra li r-rikorrenti ppruvat tfittex xogħol alternattiv, imma sabitha diffiċli ssib impjieg ieħor minħabba l-età tagħha,

4 ikkonsidra li s-Sa Saliba ma kellhiex aktar minn tliet snin oħra biex tikkwalifika għal penzjoni tal-irtirar,

5 issindika d-dokument DS2 datat 1 ta' April, 2016 iffirmat minn Shaun Vella (HR Business Partner) tas-soċjetà intimata fejn informa r-rikorrenti s-Sa Saliba bil-promozzjoni li kienet ingħatat għal *Housekeeping Leading Hand*,

6 Innota li l-paga kkwotata fid-dokument hija ta' €301.76 fil-ġimgħa,

7 Innota li l-istess dokument jispjega li kundizzjonijiet oħra tax-xogħol huma regolati mil-Liġijiet ta' Malta u l-Ftehim Kollettiv,

Għaldaqstant, it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni li jistabbilixxi kumpens ta' paga bbażata fuq dan id-dokument DS2 iġifieri €301.76 fil-ġimgħa limitat għal sentejn minkejja li ż-żmien għall-irtirar kien itwal. Dan għaliex it-Tribunal ikkonsidra li l-opportunità li s-Sa Saliba tinvolvi ruħha f'xi attività ekonomika baqgħat possibbli.

Għalhekk il-kumpens kif indikat wassal għal total ta' €31,383.04 (€301.76 X 52 ġimgħa x sentejn), ma' dan jingħadd ammont modest ta' €216.96 li jkopri parti mill-kumpens tal-għoli tal-ħajja statutorja dovut bejn 2016 u 2019 is-sena meta nfetaħ il-każ quddiem it-Tribunal. F'dan ir-rigward ġie stabbilit kumpens totali ta' €31,600.

Nissottometti bir-rispett din l-ispjega lill-Onorabbli Qorti tal-Appell kif ordnat.

(Iffirmata)
Is-Sur Joseph Gerada Chairperson